**155. L-Onor. Dom Mintoff u l-Onor. Joseph Cassar jipproponu**:

Peress li l-inċidenti li ġraw fil-31 ta' Marzu 1989 f'Xatt ir-Riżq il-Birgu u fit-2 u t-3 ta' Ġunju 1989 fiż-Żejtun ġibdu l-attenzjoni tal-maġġoranza tal-poplu Malti;

Peress illi fuq il-mezzi tax-Xandir, fil-gazzetti u fil-Parlament saru diversi stqarrijiet kontra xulxin dwar dak li ġara f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet u b'mod partikolari dwar l-imġieba ta' membri tal-SAG tal-Pulizija;

Peress li b'riżultat ta' dan ħafna Maltin qed jitilfu l-fiduċja fil-pulizja u partikularment fl-SAG;

Peress li kif diġà fisser fil-Parlament il-Kap tal-Oppożizzjoni huwa fl-interess tal-pajjiż li jkunu magħrufa sewwa l-fatti, u jekk hemm il-ħtieġa jkun hemm kontrolli serji u ndipendenti ħalli xi sezzjonijiet tal-Pulizija u/jew tal-Armata ma jkunux jistgħu jabbużaw mis-saħħa mogħtija lilhom għall-ħarsien taċ-ċittadin u sabiex il-Pulizija u l-Armata jkunu jistgħu jgawdu l-fiduċja sħiħa tal-poplu;

Il-Kamra tad-Deputati tirrisolvi li tinnomina Kumitat Magħżul fost il-Membri tagħha bil-għan li dan jinvestiga x'ġara fiż-żewġ inċidenti fuq imsemmija u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament li jidhirlu meħtieġa speċjalment kif u meta l-Pulizija tista' u għandha tagħmel użu minn gass u armi oħra għad-dispożizzjoni tagħha u f'liema emerġenza s-Suldati armati jistgħu jissejħu bħala għajnuna għall-Korp tal-Pulizija.

Dan il-Kumitat ikun kompost minn żewġ Membri min-naħa tal-Gvern, żewġ Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni u minn l-Ispeaker bħala Chairman.

Dan il-Kumitat Magħżul ikollu s-saħħa li jgħajjat ix-xhieda u l-esperti jieħu minn għandhom dikjarazzjonijiet bil-ġurament. Dan il-Kumitat Magħżul (Select Committee) ikun jista' jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra iżda l-kworum għandu jkun ta' tliet membri u ċ-Chairman għandu jkollu d-dritt li jeżerċita l-'casting vote' f'kull każ fejn il-voti jkunu ndaqs. Il-Kumitat għandu jagħmel ix-xogħol b'urġenza u jirraporta lill-Kamra tad-Deputati sa mhux aktar tard minn Novembru 1, 1989

20.06.1989